14 ta' Diċembru, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B. Litt., LL.D.

Maria Aquilina *versus* Francesco D'Amato ne

**Ċessjoni ta' Kawża — Rifużjoni tal-Ispejjeż — Benefiċċju tal-Foqra — Art. 910 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili**

*Il-parti li tirrinunzja għall-attijiet ta' kawża għandha tħallas l-ispejjeż tal-kawża, u ma tistax tibda kawża oħra għall-istess azzjoni qabel ma tkun fil-fatt ħallset dawk l-ispejjeż lill-parti l-oħra.*

*Dik il-parti ma hix eżentata minn din id-dispożizzjoni tal-liġi jekk tkun qegħdha tagixxi "in forma pauperis"; kif lanqas ma għandha dik l-eżenzjoni billi fil-kawża l-oħra li ċediet hija kienet ukoll ipproċediet bil-benefiċċju tal-faqra*

Il-Qorti; Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attriċi, wara li tippremetti illi b'testment ta' Giuseppa D'Amato tal-15 ta' Mejju 1884 (15.5.1884) Francesco Vassallo, li kien missierha, ġie mħolli legatarju ta' sesta parti ta' nofs tal-istabili ż-Żurrieq, Trieq San Ġorġ, numri 20, 21, 22 u 23, kif ukoll ta' sesta parti tan-nofs tad-dirett dominju tal-lok ta' djar ukoll iż-Żurrieq, Trieq San Pawl, il-lum numru 16, u dana kollu bħala suġġett għall-użufrutt lejn Anna D'Amato; u illi l-imsemmija Giuseppa D'Amato mietet fl-20 ta' Awissu 1890 (20.8.1890), Francesco Vassallo miet fit-30 ta' Awissu 1899 (30.8.1899), u Anna D'Amato mietet fit-2 ta' April 1931 (2.4.1931); u illi hija waħda minn ħames titfal li ssopravvenew għall-imsemmi mejjet Francesco Vassallo, u għalhekk għandha dritt tipperċepixxi kwint (1/5) tal-legat imħolli; titlob illi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u jittieħdu l-provvedimenti kollha opportuni, dina l-Qorti tawtorizzaha biex tipproċedi għall-eżekuzzjoni tat-titolu tagħha, għalkemm aktar minn tliet snin huma dekorsi minn meta setgħet teżegwih; u għalhekk jiġi assenjat lilha kwint mill-legat ordnat mill-mejta Giuseppa D'Amato. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine, li ġie mħarrek għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar it-tieni eċċezzjoni;

Illi, kif jirriżulta mir-rikors tagħha tad-19 ta Ottubru 1954, (fol. 5), l-attriċi kienet ġa ntentat kawża quddiem dina l-Qorti kontra l-eredità ta' Anna D'Amato, rappreżentata mill-konvenut, għall-konsegwiment ta' sehemha mill-legati msemmija fiċ-ċitazzjoni; liema kawża, fid-29 ta' Jannar 1952, hija ċedietha biex tiddiriġi ruħha aħjar; u fil-fatt hija reġgħet intentat dina l-kawża biċ-ċitazzjoni odjerna;

Il-konvenut jeċċepixxi illi din l-istanza tal-attriċi hija improċedibbli, għaliex, kif huwa xehed (fol. 15), hija ma

mhondietlux l-ispejjeż tal-kawża li hija ċediet fid-29 ta' Jannar 1952, u li issa qegħedha tirriproponi. L-attriċi tammetti illi hija ma ħallsetx dawk l-ispejjeż lill-konvenut, però tissottometti illi l-eċċezzjoni tal-konvenut mhix attendibbli fil-każ tagħha, għaliex hija ma kellha ebda obligu tħallas dawk l-ispejjeż, billi hija kienet qegħedha allura, kif inhi issa, taġixxi bil-beneficċju tal-foqra (fol. 19);

Illi l-eċċezzjoni tal-konvenut għandha tiġi milqugħa. Il-fatt illi l-attriċi, qabel ma ppreżentat din iċ-ċitazzjoni, ma kienetx ħallset l-ispejjeż tal-kawża li kienet ċediet fid-29 ta' Jannar 1952 iġib bħala konsegewenza illi din il-kawża ma setgħetx issir; u l-konvenut għandu jiġi liberat mill-osservanza tal- ġudizzju (Vol. I, 251; XVI-I-46). Il-liġi, f'dan ir-rigward, hi kategorika, billi fl-art. 910(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili tiddisponi illi l-parti li tirrinunzja għall-attijiet għandha tħallas l-ispejjeż tal-kawża, u hija ma tistax tibda kawża oħra għall-istess azzjoni qabel ma tkun 'fil-fatt' ħallset dawk l-ispejjeż lill-parti l-oħra. Xejn ma jiswa illi l-attriċi, kif hija tissottometti, qegħedha issa, kif kienet fil-kawża ta' qabel, taġixxi "in forma pauperis". Tabilħaqq, il-fatt li l-attriċi kienet għamlet il-kawża l-oħra, ta' qabel, bil-beneficċju gratuwitu, ma jġibx illi fil-każ tagħha ma għandhiex tiġi applikata d-dispożizzjoni tal-art. 910 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura fuq imsemmi: tant għaliex din id-dispożizzjoni hi ġenerali u minnha mhumiex eċċettwati l-proċedimenti "in forma pauperis", kemm ukoll għaliex l-ammissjoni għall-beneficċju tal-patroċinju gratuwitu ma ġġibx bħala konsegwenza l-eżenzjoni mill-ħlas tal-ispejjeż li jkunu dovuti lill-parti avversarja, jew bis-saħħa tas-sentenza, jew, bħal f'dan il-każ, skond d-dispożizzjoni espressa tal-liġi ġa msemmija (Vol. XXIX-II-544);

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' t-tieni eċċezzjoni fuq imsemmija, sollevata mill-konvenut; u konsegwentement tillibera lill-istess konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kontra l-attriċi.